**QORTI TAL-MAGISTRTI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Alfred Mallia)

**vs**

**Ignazio sive Nazju Grima**

Illum 10 ta` Jannar 2002.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Ignazio sive Nazju Grima ta` 75 sena, bin il-mejtin Paolo u Georgina nee` Poggi, imwieled Vittoriosa fis-26 ta` Settembru 1926 u joqghod St Paul`s Flats, Flat 5, numru 4 Desain Street, Vittoriosa ID 610726 (M) talli:

Bejn il-11 ta` dicembru 1995 u t-28 ta` Jannar 1999, gewwa Vittoriosa b`diversi azzjonijiet li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u gew maghmulin b`rizoluzzjoni wahda, b`mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista` jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita`

mehuda jew ikkonsmata fil-fond hawn fuq imsemmi, ikkommettejt serq ta` dawl eletriku fl-ammont ta` Lm483.183 mill-fond Vittoriosa Stars F.C., Desain Street, Vittoriosa, bhala segretarju tal-Vittoriosa Stars F.C. u bhala persuna responsabbli ghall-meter tal-eletriku fl-istess fond fejn instabu dawn il-mezzi qarrieqa, ghd-detriment tal-Korporazzjoni enemalta, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, valur u hin.

Talli fl-istess perijodu, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ghamilt hsara jew kissirt xi parti minn xi meter tal-eletriku, jew is-siggilli tieghu,jew xiparti minn apparat jew gummni wzati fil-provvista tal-eletriku, jew is-sigilli taghhom.

Talli fl-istess perijodu, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobblijew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar liri maltin, ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li lkaz seta` jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzat ma oggezzjonax ghal dan it-trattament.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti u l-atti.

Ikkunsidrat:

Illi minhabba nuqqas ta` provi, l-Qorti ssib lill-akkuzat mhux hati u **tehilsu minn kull htija**

MAGISTRAT